Minuti

Laqgha Tal-Kunsill Lokali Birkirkara

ID-DISGHA LEGISLATURA

Laqgha numru 44. laqgħa ta' Emerġenza b' kontinwazzjoni

6 ta Lulju 2026

Il-Kunsill Lokali ta' Birkirkara ltaqa' fl-Ufficcju Amministrativ tiegħu li jinsab ġewwa iċ-Ċentru Ċivku, tieni sular, Triq Tumas Fenech Birkirkara fil-5.30 ta' filgħaxija.

Prezenti:

Desirei Grech – Sindku
Luke Vella – Kunsillier
Kaylocke Buhagiar – Kunsillier
Jade England- Kunsillier
Marie Claire Zammit Bonello – Kunsillier
Antoine Attard – Kunsillier
Gilmor Borg – Kunsillier

Assenti b'apologija:
Alfred Attard – Kunsillier
Rosette Cassar – Kunsillier
Karl Cutajar - Kunsillier

Assenti:
Maurizio Gauci – Vici sindku
Stefano Sicari – Kunsillier

Ufficjal Prezenti:

Christine Jo Mansuto - Segretarju Ezekuttv

44.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

44.4.1 Is-sindku Staqsiet lis-segretarju Eżekuttiv jekk irċevietx ittri t'apoloġija fejn hi qalet li irċeviet 3; Alfred Attard, Rosette Cassar u Karl Cutajar.

44.2 Preżentazzjoni tar-Rapport finanzjarju sena 2025

44.2.1 Is-sindku stiednet lis-sa Lorna Sultana accountant tal Kunsill sabiex tispjega ir rapport Finanzjarju Awditjat.

44.2.2 Is-Sa Sultana spjegat kif ir rapport ma kienx hemm bidla kbira bejn dak mhux awditjat għal-tal lum. Żiedet tgħid li kien hemm surplus fil kontijiet u dan kien ghall fatt li fl-allokazzjoni kien hemm inqas infiq fuq manutenzjoni kif ukoll differenza fuq il-fond tal l-iskart.
Hija kompliet tgħid kif l-awdituri jinnutaw li kien hemm xi interessi fuq ħlasijiet ta xogħol li sar fuq l-akwidotti li sar qabel 2007. Kunsilliera preżenti staqsew sabiex tinġieb iktar informazzjoni. L-accountant kompliet tghid li kuien hemm xi aġġustamenti minuri. Wara li gew kapitalizzati proġetti u dokumentazzjoni ġiet aċċettata L-FSI kien ta 14.5 plus

44.2.3 Gilmour saqsa għaliex kien hemm nuqqas fl-allokazzjoni u Lorna qaltlu li dak kien tal waste li ġie allokat lir reġjun.

44.2.4 Is-sindku Staqsiet lil dawk preżenti jekk japprovawx dan ir-rapport. Rapport finazjarju ġie approvat unanimu bejn dawk preżenti.

44.3 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

44.3.1 l-laqgħa ġiet fi tmiemfil 5.45pm Wara li ġiet eżawrita l-aġenda fejn ġie maqbul li laqgħa li jmiss ser tkun nhar it-13 ta Lulju fil 5.30pm.

Iffirmati

Christine Jo Mansueto